MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru 1030/2009

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
CARMEL CALLUS

Il- Qorti,

Rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Callus ta 40 sena bin il-mejjet Nicholas u Grace xebba Schembri imwieled Siggiewi nhar 27 ta’ Novembru 1969 u residenti 43 Pjazza San Nikola, Siggiewi u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 6770M fejn gie akkuzat talli fid-19 ta’ Jannar 2009 gewwa l-“Design and Technology Learning Centre” sitwat gewwa n-Naxxar:

1. ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq OMMISSIS A, OMMISSIS B , Karin OMMISSIS C u OMMISSIS D, kollha minorenni ta’ hdax-il sena;

2. fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil-persuni u r-residenzi taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni nvoluti u l-familjari taghhom ai termini ta' l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokument ezebiti fl-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista' issib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 2010 fol 227 fejn l-imputat ma sabx oggezjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tad-29 ta' Novembru 2010.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Raymond Aquilina a fol 9 et seq. ezebixxa zewg stqarrijiet tal-imputat – RA, RA 1; ricevuta tal-laptop tal-imputat RA2; il-computer tal-imputat RA3; RA4 sa RA8, hames certifikati ta' twelid tal-hames minuri involuti fil-kaz RA9 sa RA12 – 4 sketches maghmula mill-minuri u 20 ritratt ezebiti u mmarkati RAX1 – 20.

Fl-istqarrija tal-imputat, ghalliem fl-iskola "Design & Techology Learning Centre" Naxxar, l-imputat nnega kull forma ta' agir mhux xieraq fuq il-minuri – tfal ta' l-iskola. Partikolarment jasserixxi illi ma mess ebda minuri b'mod

indicenti. Hu stqarr “li jista’ jkun illi mexxejthom bil-mod minn spallithom sabiex jersqu halli nkun nista’ niftah il-magna minn ghajr ma jkun hemm ebda perikoli ghalihom” (fol 14). Huwa kkonferma illi l-istudenti kienu fi groups ta’ sitta, l-kmamar kienu miftuhin u l-ambjent kollu hu miftuh u li jkun hemm diversi ghalliema li jakkumpanjaw lill-istudenti.

Dana kollu rega’ gie mtenni fit-tieni stqarrija Dok RA1 a fol 16 – fol 18, l-imputat jghid li jekk sar xi tokkament tal-istudenti minn spallithom jew minn sidirhom dan sar sabiex l-istudenti jersqu lura mill-magni tal-laser u jafferma a fol 19 li hu qatt ma kellu l-icken intenzjoni li jabbuza minn xi tfal.

Carmelo D’Amato, Headmaster tal-iskola tal-Gvern tal-Marsa, kkonferma li l-istudenti tieghu kienu marru l-iskola Design & Technology Centre Naxxar u li wara din iz-zjara l-Assistant Head rraportatlu li xi tfal kienu allegaw li l-imputat kien messhom b’mod mhux xieraq (fol 32 et seq). Huwa ghalhekk kellem lil uhud minn dawn it-tfal – fosthom OMMISSIS A, OMMISSIS D. Illi huwa rrediga` rapport, cempel lic-Child Safety ghal procedura – baghat ir-rapport tieghu lid-Director General – Michelin Sciberras u ha struzzjonijiet biex ma jergax ikellem lit-tfal jew lill-genituri.

Sharon Bartolo fol 36, ghalliema fl-iskola Primarja tal-Marsa kkonfermat illi f’Jannar 2009 it-tfal tal-klassi taghha attendew l-iskola tat-Teknologija Naxxar. Wara din il-mawra, wahda mit-tfal tal-klassi taghha certu OMMISSIS A, informatha li wiehed mill-ghalliema tan-Naxxar Centre kien “messha” fuq spallitha u fuq parti bejn l-ispalla u s-sider u fuq il-warrani. OMMISSIS A qaltilha li kien hemm tfal ohra li lmentaw bl-istess manjiera – cioe` OMMISSIS C, OMMISSIS B , OMMISSIS F Bartolo rreferiet dan il-kaz lill-Assistant Head – Miss Agius u ezebiet r-rapport taghha Dok SB.

Sharon Bartolo in kontro ezami kkonfermat li hija kienet akkumpanjata mill-ghalliema tal-Marsa Primary u li kien hemm ghalliem iehor apparti mill-imputat fit-Technology Centre.

Bartolo spjegat l-ambjent li fih kienu qed jahdmu l-istudenti fic-Centru.

Ikkonfermat ir-ritratti RAX15 – 16.

Bartolo a fol 42 xehdet li meta OMMISSIS A ghajtet lil OMMISSIS C sabiex anke hi tirrakkonta dak li kien gralha, OMMISSIS C gholliet spallejha u ma riditx “tigi tghidli” (fol 42).

**Bartolo kkonfermat illi OMMISSIS A kienet qed titkellem quddiem t-tfal l-ohra ( fol 42).**

Ruth Sciberras (fol 46 et seq.) Children Services Manager f’Appogg kkonfermat referral mic-Child Protection fuq abbuz tat-tfal fi skola fin-Naxxar, u giet matura flimkien ma Joseph Micallef biex jinvestigaw. F’din l-investigazzjoni Sciberras u l-membri tal-board ma kellmux lit-tfal jew l-alleged perpetrator – ezebiet Dok MS. **Hija xehdet illi dan il-board kellem biss lill-professjonijiet li kellmu lit-tfal – fol 48.**

Joseph Micallef a fol 88 – bhala service manager Human Resources Dept of Education kkonferma illi Miss Sciberras – Director General informatu dwar rapport ta’ allegat abbuz fid-Design & Technology Centre Naxxar, “ghaliex naraw jekk dak li kien qed jigi allegat, nistghux naraw jekk hux probabbli li sar jew le”.

Huwa fiehem li kienu waslu ghall-imputat Callus “by a process of elimination”. Ikkonferma Dok MS li gie mghoddi lil Director General u mhux lill-pulizija. Joseph Micallef ikkonferma li l-imputat stess talab lid-dipartiment jghidlu jekk kienx hemm xi allegazzjoni fuqu u biex jigi trasferit ghal posting iehor fejn ma hemmx tfal pendente l-investigazzjoni.

Ir-rapport Dok MS gie konkluz 18 ta’ Marzu 2009.

Liana Bonnici fol 95, social worker fic-Child Protection Services fl-Agenzija Appogg spjegat li kienu rcevew

rapport dwar allegat abbuz fuq l-istudenti, OMMISSIS A, OMMISSIS D, OMMISSIS C u OMMISSIS B liema allegat abbuz sehh f'Technology Centre Naxxar. Hija ghamlet kuntatt ma Mario Bezzina u ddecidew li jiltaqghu mal-genituri. Hekk sar u l-genituri tat-tfal ma riedux ikellmu lill-pulizija u xtaqu li dan isir mill-awtoritajiet edukattivi (fol 96).

Fid-9 ta' Marzu hija kellmet lil OMMISSIS A li qaltlilha li wiehed mill-ghalliema tac-centru zammha minn spallejha , zamm idejh fuq idejn l-istudenti waqt li kienu joperaw il-mouse tal-computer. Qalet li waqt il-printing, dan l-ghalliem missha minn spallitha – nizzel idejh fuq sidirha w anke fuq il-warrani taghha. Ma ratx lil dan l-ghalliem jaghmel l-istess fuq studenti ohrajn.

Wara li harget mic-centru, tkellmet ma shabha w indunaw li kien hemm tfal ohra li ghaddew mill-istess esperjenza ta' OMMISSIS A.

Social Worker Liana Bonnici xehdet illi OMMISSIS D ukoll ftakret illi l-imputat kien missilha spallitha u baqa' jnizzel idejh fuq sidirha, u fuq il-warrani taghha. Bonnici xehdet illi OMMISSIS B spjegatilha li hassitha skomda bil-mod li hares lejha l-imputat, u kien qieghed idejh fuq spallitha u nizzel idejh mal-warrani taghha. Hija qalet li accidentalment dan kien ukoll laqatha fuq sidirha. OMMISSIS B qalet illi dan l-ghalliem kien qieghed idejh fuqha u fuq OMMISSIS C meta kienu qed iharsu lejn il-magna tal-laser. Bonnici kellmet ukoll lil OMMISSIS F li ukoll qalilha li dan l-ghalliem kien qieghed idejh fuq spalltu u ghafasha b'mod illi dejjaq lill-minuri w imbaghad nizzel idejh fuq il-warrani tieghu. Jesmark qal li ra lill-ghalliem iqieghed idejh fuq il-warrani ta' OMMISSIS D u OMMISSIS C ukoll.

OMMISSIS C qalet lil Bonnici illi dan l-ghalliem zammha minn spallitha vicin tieghu u meta pprovat ticcaqlaq ma setghetx tinhall mill-grip tieghu. OMMISSIS C qalet li dan l-ghalliem pogga jdejh fuq spallitha, u nizzel idejh ma idejha, fuq sidirha u fuq il-warrani taghha. Hija rat lill-ghalliem imiss lil Gizelle. OMMISSIS C gharfet li dan it-

tokkament kien hazin. Bonnici xehdet illi wiehed mit-tfal ra xi badge tal-museum fuq dan l-ghalliem. Bonnici xehdet illi gew infurmati il-pulizija u hija kienet akkumpanjat lit-tfal fl-ghassa tal-pulizija biex jitkellmu mal-pulizija u kienet prezenti waqt ir-rakkont taghhom lill-pulizija.

Bonnici fit-testimonjanza taghha regghet tenniet dan kollu li t-tfal qalu lill-pulizija. Bonnici kkonfermat l-isketches li pingew it-tfal.

**Bonnici kkonfermat illi t-tokkament lamentat sar meta x-xoghol taghhom kien qed jigi pprintjat.**

Hija pprezentat n-notament taghha Dok LB a fol 106 sa 111.

Is-Supretendent Paul Caruana xehed illi mill-indagini li ghamel fuq il-computer apparati tal-imputat, ma sab ebda immagini pornografiku adult u wisq inqas ta’ tfal. (ara xhieda fol 112 – 115). Hu ezebixxa r-rapport tieghu Dok PC a fol 116.

L-Ispettur Aquilina a fol 121 xehed illi huwa gie mghoddi r-rapport Dok MS mhejji minn J Micallef u R Sciberras **fl-ahhar ta’ Gunju, bidu ta’ Lulju 2009**. Huwa stqarr illi r-rapport Dok MS gie mghoddi lill-Avukat Generali li ghaddih lill-Kummissarju tal-Pulizija li min-naha tieghu baghtu ghand l-Ufficjali Prosekuturi. Infatti l-ufficjal prosekutur ilmenti li l-genituri tal-minuri kkonfrontawh fuq id-dewmien.

Joseph Micallef a fol 126 ezebixxa Dok JMX minuta tat-talba ghal transfer da parti ta’ l-imputat.

Carmelo D’Amato riprodott a fol 130 esebixxa Dok HJ, ittra mibghuta minnu lil Ms Micheline Sciberras, Director General Education Services.

Mario Bezzina xehed illi rcieva telefonata minn Carmen Bonanno ghal kjarifika fuq procedura dwar ilment ta’abbuz minn ghalliem u informah b’dak li kellu jaghmel

Headteacher u cioe` li jirrapporta lil Director General. Hu xehed li mar ikellem lil Headteacher li kien in transition, sab minflok lill-Assistant Head Agius. Huwa xehed li ha parir sabiex javvicina lill-genituri, biex jinfurmahom bis-servizzi li kellhom ghal ghajnuna tat-tfal. Huwa kkonferma li qatt ma kellem lit-tfal.

OMMISSIS DD xehdet a fol 144 illi kellha tifla jisimha OMMISSIS D li qaltilha illi ghalliem tal-iskola kien ipprova "jaqbdilha sidirha u daharha". Qaltilha wkoll li kien hemm erbat itfal ohra li gralhom l-istess. Ghalhekk kellmet lil headteacher, u mbaghad lill-Appogg u sussegwentement baghtu ghalihom il-pulizija.

OMMISSIS AA, omm OMMISSIS A, xehdet illi bintha qaltilha li kien ghalliem bil-badge li beda jmissilha sidirha u l-warrani. OMMISSIS AA xehdet li kellmet lil Headteacher u lill-Appogg – kkonfermat li xtaqet tipprocedi bil-kawza.

Liana Bonnici a fol 148 et seq., riprodotta kkonfermat li regghet iltaqghet mat-tfal u "I prepared children for Court".

OMMISSIS A a fol 159 li fiz-zmien tal-accident kellha 10 snin. OMMISSIS A xehdet illi dan l-ghalliem ta' Design Technology Centre kien messha b'idejh "f'certu postijiet privati taghha u qalet li mesha fuq il-warrani taghha u ghalkemm ppruvat tersaq lura "hu aktar beda jzommni". OMMISSIS A xehdet illi kien ghamel l-istess ma OMMISSIS F. Illi meta gara dan kien hemm diversi studenti fil-kamra u hi rat lil Jesmark kien qed jigi mizmum minn spalltu mill-ghalliem. OMMISSIS A kkonfermat li kienet qalet b'dan kollu lit-teachers taghha tal-iskola li kienu akkumpanjaw lit-tfal sac-centru kif ukoll lil Lianne tal-Appogg. OMMISSIS A gharfet uhud mir-ritratti RAX1 sa 20 u gharfet l-ambjent muri fir-ritratti RAX 13 bhala l-kamra fejn sehh it-tokkament. In kontro ezami OMMISSIS A kkonfermat illi t-tokkament sar meta d-dizinn taghha kien qed jigi pprintajt fil-magna tal-laser.

OMMISSIS D ta' 11-il sena a fol 173 xehdet illi kienet marret it-Technology & Design Centre mat-tfal l-ohra tal-iskola. Hija xehdet illi waqt li l-magna kienet qed

timmanifattura d-design taghhom l-ghalliem kien qabadha minn genbha u “beda niezel” sa ftit aktar ‘l isfel mill-hips– ‘il fuq mill-warrani. OMMISSIS D xehdet illi qabel dan, OMMISSIS A kienet gia qaltilha li l-ghalliem kien messha. Ghalhekk OMMISSIS A u OMMISSIS C kienu dahlu maghha sakemm il-laser machine tohrog l-art work. **OMMISSIS D kkonfermat li OMMISSIS A kienet qiesha l-leader taghhom.** OMMISSIS D kkonfermat li wara d-diskors ta’ OMMISSIS A u OMMISSIS C hija hassitha “mbezza’”. Hija qalet a fol 182 illi maghha kienu prezenti OMMISSIS B u OMMISSIS G

PS 1229 Antoine Cilia a fol 184 kkonferma illi kien ghamel search gewwa l-Museum tas-Siggiewi u eleva l-laptop tal-imputat kontra rcevuta li tinstab a fol 20. PS Cilia xehed illi l-imputat ikkopera bis-shih.

Michlen Sciberras – Direttur Generali ghas-Servizzi Edukattivi ddikjarat li wara li rceviet ittra ta’ Carmel D’Amato tal-21 ta[‘ Jannar 2009 hija segwiet il-procedura u cioe` appuntat rapprezentant tad-direttorat Joseph Micallef u rapprezentant tal-Agenzija Appogg Ruth Sciberras fejn ghamlu investigazzjoni preliminari u jhejju rapport fol 188.

Illi ghalhekk hija skont il-procedura, informat lill-Avukat Generali u tablet ghal direzzjoni u cioe` – jew li l-kaz jigi mghoddi lill-pulizija jew li kien kaz ta’ dixxiplina.

Illi hija rceviet struzzjonijiet mill-Avukat Generali li kellha tirreferi l-kaz lill-pulizija u hekk ghamlet.

Michlen Sciberras xehdet illi l-imputat talabha biex jinbidel il-“posting” tieghu sabiex ma jkollux kuntatt ma tfal sakemm jigu finalizzati l-proceduri.

OMMISSIS C ta’ 11-il sena, a fol 198 xehdet illi l-klassi taghha kienet zaret c-centru ta’ Design & Technology Naxxar, “u kien hemm wiehed beda jmissna u hekk, ghax konna qeghdin hdejn il-computer hdejh, u kien bilqeghda u ahna konna bil-wieqfa u beda qiesu jmissna u hekk”, fol 198. OMMISSIS C indikat illi t-tokkament sar fil-partijiet

tas-sider u l-genbejn.  Hija xehdet illi dan l-agir dejjaqha u resqet ftit lura.  Hija xehdet illi l-ghalliem kellu jurihom t-tieni stadju tax-xoghol u kellha terga’ tersaq ‘il quddiem fejn l-ghalliem rega’ mesha bl-istess mod.  OMMISSIS C kkonfermat l-iskizz Dok RA 10 li qalet li Liana kienet prezenti wara li sar l-iskizz.

OMMISSIS C xehdet illi hija ghall-ewwel kienet wahedha, imbaghad waslet OMMISSIS B u wara ftit OMMISSIS A u OMMISSIS D.  OMMISSIS C kkonfermat a fol 199/200 illi l-ewwel tokkament gara meta kienet wehidha u fit-tieni tokkament kien hemm OMMISSIS B prezenti.

Hija qalet li kellmet lil shabha Gizelle, OMMISSIS D u OMMISSIS A fuq dan l-incident.

Hija gharfet uhud mir-ritratti RAX 1-20 fosthom RAX 13 u 14.

Hija ddikjarat illi Wintey kienet gharrfet lil Miss Sharon Bartolo b’kollox u li wara kienu tkellmu ma Liana u mal-pulizija fid-Depot.

**OMMISSIS C xehdet illi meta harget mill-klassi u marret tkellem lil OMMISSIS A u OMMISSIS D, sabithom jitkellmu fuq it-tokkament u dahlet anke hi fil-konversazzjoni – imbaghad wara ftit giet OMMISSIS B u bl-istess mod dahlet fil-konversazzjoni.**

OMMISSIS C a fol 205 kkonfermat illi meta kellhom sessions ma ghalliema ohra in segwitu ta’ dan l-incident, **kienu jkunu lkoll flimkien u jitkellmu quddiem xulxin**. sussegwentement kellmithom individwalment.  OMMISSIS C xehdet illi ma kinitx tiftakar jekk meta tkellmu ma tal-Appogg l-ewwel darba kienux tkellmu kollha f’daqqa pero` ftakret illi wara kienu tkellmu individwalment.  Ftakret illi s-social worker tal-Appogg kienet hadet xi notamenti.

OMMISSIS C xehdet illi meta tkellmet ma tal-Appogg kienet qaltilhom dak li ftakret dak iz-zmien. OMMISSIS C xehdet ukoll illi **apparti dak li qalu lit-teachers, social workers u pulizija, it-tfal kienu tkellmu diversi drabi**

**matul il-breaks fuq din l-esperjenza.** A fol 209, 210 u 211, OMMISSIS C kkonfermat illi t-tokkament gara meta l-magna tal-laser kienet qeghda turi l-artwork ta' l-istess OMMISSIS C.

OMMISSIS C xehdet illi t-testimonjanza taghha dwar it-tokkament kien rizultat ta' dak li verament gara fuq il-persuna taghha u mhux il-ghaliex semghet lil shabha jitkellmu.

OMMISSIS CC omm OMMISSIS C xtaqet tkompli bil-proceduri (fol 212).

OMMISSIS BB, missier il-minuri OMMISSIS B (fol 214) xehed li xtaq ikompli bil-proceduri kriminali.

OMMISSIS B , ta' 12-il sena a fol 216 et seq., xehdet illi waqt "outing" tal-iskola fid-Design & Technology Centre Naxxar wiehed mill-ghalliema "dawwar idu mieghi 'l hawn isfel" (fol 217) u indikat il-warrani. Hija xehdet ukoll ill meta kienet warajh hu ghamel mossa b'idejh u laqatha fuq sidirha pero` ma setghetx tghid jekk dan sar b'mod accidentali.

Hija kkonfermat li meta sar dan it-tokkament d-disinn taghha kien qieghed jinhadem mill-magna tal-laser. OMMISSIS B xehdet ili hija ma qalet lil hadd u meta kienu fuq ix-xarabank OMMISSIS A staqsietha u marret tghid lill-ghalliema. OMMISSIS B xehdet illi kien hemm OMMISSIS C prezenti meta sar it-tokkament. OMMISSIS B qatt ma kellmet lit-teacher, kienet biss OMMISSIS A. OMMISSIS B xehdet illi t-tfal l-ohra kienu tkellmu wkoll ma persuna ohra fi group izda hi ma kienetx prezenti dakinhar u sussegwentement din il-persuna kellmithom individwalment (fol 220). Gizelle, murija r-ritratti RAX 1-20 gharfet RAX 10 u 11 u RAX 13.

In kontro ezami a fol 223 OMMISSIS B xehdet illi meta sar it-tokkament "ghamel idu tieghu ma wara" **uriet lill-Qorti il-parti ta' isfel ta' daharha qabel ma jibda l-warrani**. Hija qalet li l-imputat kien bil-qieghda fin-nofs u ghamel

idu hekk. Ma setghetx tghid jekk l-imputat ghamilx l-istess mossa lil OMMISSIS C li kienet fuq in-naha l-ohra tieghu.

Carmel D'Amato Headteacher xehed illi l-assistant head Ms Victoria Agius ma kenitx f'qaghdha li tattendi l-Qorti minhabba l-istat imwiegher ta' sahha taghha.

L-imputat xehed illi kien ghalliem fin-1999 f'"Fellenburg Training Centre u Technical Institute" is-sekondarja Naxxar, Guze D'Amato Rahal Gdid, u Naxxar Design Technology Centre.

Huwa spjega illi t-tfal tal-iskejjel ta' Malta jaghmlu visti regolari fic-Centru, jkunu madwar 30 tifel u tifla, akkumpanjati minn bejn tnejn sa erba' ghalliema taghhom. Huwa spjega li t-tfal jitqassmu fi gruppi ta' 15, jigi spjegat s-software, jiddizinjaw l-artwork taghhom, jiehdu break ta' kwarta fl-10.30am. Wara dan l-artwork jigi trasferit fuq "pendrive" u l-istudent jaghzel il-kulur tal-materjal, din l-informazzjoni tigi trasferita fuq il-magna tal-laser li timmanifattura u taqta' l-artwork tal-istudent.

L-imputat xehed li l-laser machine tqum mal-Lm25,000 u li l-gurnata tkun "hectic" hafna ghaliex hemm hafna xoghol xi jsir u l-istudenti gieli jiehdu xi zbalji u wiehed jkun irid jerga' jibda mill-bidu.

L-imputat xehed illi huwa sar jaf b'dawn l-allegazzjonijiet minn telefonata mill-pulizija. L-imputat xehed li meta ltaqa' mal-pulizija li spjegawlu l-allegazzjoni huwa haseb li kienet cajta u canfarhom. Meta rrealizza s-serjeta` tal-allegazzjonijiet l-imputat qabdu sturdament.

L-imputat iddikjara illi dak il-hin huwa nnega kull allegazzjoni.

L-imputat xehed l-Ufficjal Prosekutur beda jistaqsih fuq l-operat tax-xoghol tieghu fuq il-magni u kif t-tfal ikunu mdawrin mal-magna meta staqsih "imma inti tmisshom lil dawn it-tfal?". L-imputat xehed illi kien hemm li rrealizza x'setgha gara. Huwa xehed illi huwa kemm il-darba jghid lit-tfal biex jersqu lura mill-magna u dan minhabba zewg

ragunijiet principali. L-ewwel il-ghaliex il-control screen qeghda fuq ix-xellug u jekk xi hadd jmissha accidentalment ix-xoghol johrog hazin u sfukat. It-tieni ghaliex jekk jkun hemm xi hadd li qed imiss l-ghatu, din il-magna ma tinfetahx. Ghalhekk ta' sikwit jghidilhom biex jersqu lura sabiex jiftah il-magna. F'dan il-mument l-imputat ghamel mossa b'idejh kwazi qisha "breast stroke" biex jispjega kif jressaq lura l-istudent.

L-imputat a fol 242 xehed ill l-ghatu tal-magna irid ikun maghluq biex il-magna tahdem.

L-imputat xehed illi fost it-tfal tal-iskola jkun hemm uhud li jkunu aktar qosra minn ohrajn u "dawn l-imputat jiggwidahom 'l quddiem sabiex b'hekk huma jkunu jistghu jaraw il-magna tahdem".

L-imputat xehed illi l-gruppi mhux kollha xorta, hemm dawk li jkunu rizervati allura trid tigwidahom 'il quddiem u hemm ohrajn li jeghlibhom l-entuzjazmu, li ghandhom bzonn jitrazznu.

L-imputat xehed illi l-kamra fejn hemm il-magna tal-laser tinzamm miftuha f'kull hin u jkun hemm l-istudenti u t-teachers taghhom dehlin u hergin – apparti li jkun prezenti l-Education Officer.

L-imputat xehed li mieghu kien hemm ghalliem iehor, Tony Pace li jaghmel l-istess tip ta' xoghol. L-imputat xehed illi waqt li kien taht arrestat, akkumpanja lill-pulizija biex jelevaw il-laptop computer tieghu.

L-imputat a fol 245 xehed li huwa qabel gie arrestat, hu gie mnezza' sabiex ssir tfittxija fuq il-persuna tieghu. L-imputat xehed illi kif gie rilaxxat mill-arrest hu mar ikellem lis-superjuri tieghu u gharfu b'kollox. Illi meta hadd ma baghat ghalih huwa mar jitkellem mad-Direttur Generali, Michelin Sciberras sabiex, pendente il-proceduri, huwa jkollu "posting" fejn ma jkollux kuntatt dirett ma tfal u dan sakemm jitnehha d-dell ikrah minn fuqu.

L-imputat kkonferma t-tieni stqarrija fejn qal li mess tfal ta' 10 snin mil-ispalla u minn sidirhom bil-mod li fisser quddiem il-Qorti biex jiressaqhom lura jew jigbidhom 'il quddiem u nnega li mess il-warrani jew partijiet privati ta' dawn it-tfal.

Tony Pace, ghalliem fid-Design Centre Naxxar xehed li hu kien ilu jaf lill-imputat ghal 8/9 snin. Huwa kkonferma li l-istudenti l-ewwel jibdew jiddisinjaw l-artwork fuq il-computer, imbaghad dan l-artwork jigi maqtugh fil-magna tal-laser. Il-gruppi ta' tfal (16 sa 18) jkunu diehla u hierga u ghalhekk il-bieb tal-kamra jibqa miftuh f'kull hin, apparti li jkun prezenti l-ghalliema li jakkumpanjaw lit-tfal. Tony Pace kkonferma illi l-gurnata tkun "hectic" hafna u t-tfal jkunu entuzjazmati hafna. Tony Pace ikkonferma illi fid-dati in kwistjoni kien xoghol. Tony Pace spjega li jahdem minn fuq il-computer ghal fuq il-line bender, ghal fuq il-laser, ghal ghazla ta' materjali u kif ix-xoghol isir "in rotation".

Illi fl-istess hin, l-istudenti jkunu qeghdin iduru mal-magni b'entuzjazmu kbir, huma, bhala ghalliema, kellhom dover li jrazznuhom altrimenti jista' jsir hafna hsara fil-magni jew l-artwork ma johrogx sew. Pace gharraf lill-Qorti – kif jikkontrolla l-istudenti – ara fol 205.

Pace xehed illi jkun hemm certi studenti li jibqghu lura w allura trid tressaqhom 'il quddiem.

Tony Pace kkonferma illi meta l-istudenti jkunu qed jiddisinjaw u whud ikollhom bzonn ghajnuna l-ghalliema jiggwidaw id l-istudent fuq il-mouse.

Natalino Camilleri a fol 276, Superjur Generali tal-Muzew, xehed illi l-imputat kien infurmah l-ghada li hareg mid-Depot b'akkuzi serji w informah li ma kienx ser jibqa' fil-kariga tieghu pendenti l-proceduri. Natalino Camilleri xehed illi eventwalment kien rrefera l-kaz lil Response Team tal-Kurja u li l-imputat qatt ma gie sospiz mill-attivitajiet tal-Museum.

Charles Spiteri a fol 280 Education Officer tad-Design & Technology Centre, Naxxar kkonferma x-xhieda ta’ Tony Pace. Huwa xehed illi hadem mal-imputat ghal seba’ snin li “nahlef ghalih li nafdalu lill-uliedi f’idejh b’ghajnejja maghluqa”. (ara xhieda a fol 283).

Huwa xehed li lejliet li hareg bil-pensjoni, u cioe` 17 ta’ Marzu, kien baghat ghalih Joseph Micallef u beda jkellmu flimkien ma rapprenzentant tal-Appogg. Charles Spiteri xehed li meta gie nformat bl-allegazzjonijiet fuq l-imputat huwa kien qalilhom li kien fizikament impossibli ghaliex jkun hemm wisq movement ta’ tfal minn magna ghall-ohra u moviment ta’ teachers, biex jsir dak illi kien qed jigi allegat.

Ikkunsidrat:

L-imputat gie mixli b’attentat vjolenti fuq il-pudur ai termini ta’ Art 207 u li offendi l-morali b’atti f’post publiku ai termini t’Artikolu 209.

Ikkunsidrat:

Illi mill-kumpless tax-xhieda hawn fuq elenkata, il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-disapprovazzjoni taghha ghal mod kif tmexxew l-indagni tal-allegat tokkament mhux xieraq fuq hames studenti kull wiehed ta’ cirka ghaxar snin.

Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet fosthom: nuqqas ta’ stharrig fil-proceduri da parti ta’ certu ghalliema; certu zelu spustat da parti ta’ kemm l-ghalliema kif ukoll is-social workers; tfal li thallew jitkellmu flimkien fuq l-esperjenza taghhom go gruppi u dan b’mod repetut. Dan kollu bi sfortuna kbira gara fl-isfond ta’ Headteacher li kien appena ser jirtira u Assistant Head li mardet b’marda terminali. Dawn il-fatturi kollha kkompetew biex zewqu storja li ftit ghandha mir-realta` ta’ kif graw il-fatti meritu tal-kawza.

Wiehed jifhem illi d-Direttur Michelin Sciberras, fasslet pjan jew policy ta’ kif ghandhom jitmexxew ilmenti ta’ abbuz sesswali fuq tfal ta’ l-iskola u l-proceduri li

ghandhom jigu adoperati mill-ghalliema u kapijiet ta’ l-iskejjel – u dana fuq “**principju kardinali**” illi l-ghalliema ma ghandhomx ikellmu lill-istudenti jew l-genituri taghhom sabiex dan jithalla f’idejn il-professjonisti.

Il-Qorti hija partikolarment preokkupata bil-mod kif r-rakkont inizjali tat-tfal kif jidher minn rizultanzi inizjali tal-Headteacher Carmel D’Amato u ta’ l-Assistant Head Miriam Agius gew kompletament sturtati b‘mod li tokkament **innokwu,** ha xejra malinja li wasslu sahansitra biex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat.

Infatti r-rapport ta’ l-Head Teacher Carmel D’Amato juri li t-**tokkament kien restritt ghal “the neck, on the back and shoulder round the waist and also slightly on the front (that is upper chest). The boy was repeated taken by the shoulder**” – fol 133.

Hekk ukoll jidher mir-rapport ta’ l-Assistant Head Miriam Agius – ara fol 86, li **“kien hemm ghalliem li beda jaghmel idejh ma spallejhom u ma qaddhom”** u b’referenza ghal OMMISSIS F tkompli: **“Dan qal li dan l-istess ghalliem tax-xjenza beda jiccajta mieghu u jghafsu minn ghonqu”.**

Ir-raguni principali ghal kif il-fatti ta’ dan il-kaz gew stortati b’mod illi hadu xejra maligna, fil-fehma tal-Qorti, kienet illi dawn it-tfal thallew b’mod repetut, u fuq medda gmielha ta’ zmien, jitkellmu ma xulxin fuq din l-esperjenza b’rizultat illi tokkament fuq tfal ta’ ghaxar snin fuq zona ta’ “upper chest”(ta’ min jaggungi li fil-maggoranza tal-kawzi tifla ta’ ghaxar snin ma jkolliex sider zviluppat) – vicin tal-clavicle – ha xejra ta’ tokkament fuq s-sider, waqt li tokkament fuq il-qadd “gie stortat ghal tokkament fuq il-warrani”.

Ikkunsidrat:

L-imputat gie mixli bir-reat ta’ attentat vjolenti ghal pudur kif mahsub fl-artikolu 207 tal-Kap 9 li jiddisponi:

**“kull min jinsab hati ta’ attentat vjolent ghal pudur li, fih innifsu, ma jkun jikkonstitwixxi wiehed mid-delitti**

**kunsmat jew attentat msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub titolu, jehel il-prigunerija minn 3 xhur sa sena".**

Fir-reat in ezami:

**"L-attentat vjolent ghall-pudur – il-vokabolu "attentat" fis-sens ta' "osare", "ardire", "thebb" – jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn "tutti quegli atti impudici commessi sopra altra persona contro la di lei volonta`" (Carrara, Programma, 1542), li ma jkunux jammontaw ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmija fl-artikoli ta' qabel l-art. 222 tal-Kodici Kriminali. "Nell'essenza di fatto del delitto di oltraggio violento al pudore non si richieggono condizioni speciali per il lato dell'animo. Tutto il compendio degli elementi costitutivi del 'corpus criminis' in tale maleficio si esaurisce nelle condizioni materiali di un atto esercitato sulla persona altrui, dal quale ne risulti un oltraggio al di lei pudore, eseguito con pravo fine e previsione di tale risultato" (ibid 1548);"**

(Ara Pulizija versus Gerald Cassar deciza 18 ta' Lulju 1959 per Imhallef Flores.)

Jinghad fis-sentenza Pulizija vs Joseph Micallef deciza 13 ta' Novembru 1998 mill-Prim Imhallef Dr V De Gaetano li jikkwota Pulizija vs Kelinu Mifsud mill-Imhallef William Harding deciza 8 ta' Novembru 1955 li:

**"il-kriterja differenzjali senjat mil-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dan ta' attentat vjolent ghal pudur, huwa wiehed negattiv fis-sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat r-rekwiziti ta' korruzzjoni ta' minorenni, hemm dan d-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolenti ghal pudur."**

L-istess Imhallef William Harding fis-sentenza **Pulizija vs Spiru Silvio deciza 12 ta' Marzu 1960** jiddelinea t-tlett elementi kardinali li skont il-Carrara huma l-bazi ta' dan ir-reat:

**“Vi fu violenza nell’atto?**
**Vi fu scopo di libidine? Il senso morale del popolo considera quell’atto come impudico? Ove ricorrono queste tre condizioni, esiste il delitto di oltraggio violento al pudore”.**

(Ara Carrara volum 2 pagna 392.)

It-tfal in kwistjoni kellhom ghaxar snin meta sar t-tokkament lamentat. Ghalhekk ai termini ta’ Art 201 (a) il-vjolenza hija prezunta.

Dan l-artikolu jghid hekk:
**“L-istupru u kull attentat iehor ghall-pudur jitqies dejjem bhala vjolent**
**(a) meta jsir fuq persuna taht l-eta` ta’ tnax-il sena”.**

(Ara wkoll Pulizija vs Nazzareno Abela, Qorti tal-Magistrati tal-10 ta’ Mejju 2006)

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-iskop ta’ dan it-tokkament lamentat sabiex tevalwa jekk l-imputat kellux skop ta’ libidni meta mess dawn it-tfal il-ghaliex:

**“Minn dawn iz-zewg elementi (il-vjolenza u l-iskop libidinuz) tohrog l-impudicizja tal-att ghas-sens morali tal-pubbliku”. (ibid Pulizija vs Spiro Silvio).**

Ikkunsidrat:

Minn ezami bir-reqqa tal-evidenza u testimonjanza tal-minuri, johrog car daqs il-kristall illi t-tokkament sar biss meta t-tfal kienu fejn il-laser machine biex jaraw d-design jew l-artwork taghhom jigi trasformat u maghgun taht ghajnejhom. Kjarament l-istudenti jingabru gemgha fuq il-magna sabiex jaraw mill-qrib din it-trasformazzjoni b’rizultat li setghu ghamlu hsara lill-magna jew stortaw il-programm.

Dan il-“crowding” fuq il-magna tal-laser kien il-kawza ghal mossi li ghamel l-imputat biex ireggi l-istudenti lura.

Bl-istess motivazzjoni ghall-istudenti li kienu aktar qosra minn ohrajn jew aktar misthija, l-imputat kien jiggwidahom ‘il quddiem minn qaddhom.

Fejn hu l-iskop libidus?

Din il-Qorti ma rrizultalha ebda intenzjoni malinja ta’ dan it-tip. Mankanti dan l-element essenzjali wiehed ma jistax isostni l-attentat vjolenti fuq il-pudur b’tokkament ta’ tip li gie spjegat f’dawn il-proceduri. Allahares gudikant jasal biex isib htija f’tokkament fuq parti ta’ gisem ta’ tifel u tifla fl-assenza ta’ “skop di libidine” altrimenti azzjoni protettiva, bhal dik li ghamel l-imputat (meta fetah idejh b’mod orizzontali biex jreggi l-istudenti lura) jew per ezempju sabiex adult iwaqqaf tfal milli jaqsmu bl-addocc, tigi premjata b’akkuza taht l-Artikolu 207!

Bl-istess manjiera jekk kemm il-darba l-iskop jew intenzjoni libidinuza jigi eliminat, genitur li jikkoregi lit-tifla tieghu b’daqqa hafifa fuq koxxitha jew fuq il-warrani jista jsib ruhu mixli b’attentat vjolenti fuq il-pudur tat-tifla tieghu stess. Dan hu manifestament zbaljat u ma jaghmel ebda sens u kien proprju ghalhekk illi fis-sentenza **Pulizija versus Spiru Silvio** a fol 850 il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali siltet differenza f’agir li jsir “**bi skop ta’ ingurja jew molestja”** minn dak li jsir “**bl-iskop ta’ libidini”**. Illi di piu` ma jirrizulta ebda interess makabru fuq it-tfal da parti tal-imputat fuq l-apparat tal-computers tieghu. Dawn irrizultaw li kienu nodfa tazza minn kull pornografija kemm dak adult kif ukoll tat-tfal.

Il-mankanza ta’ skop libidinuz tas-soggett attiv jimmilita wkoll kontra s-sejbien ta’ htija fl-akkuza taht Art 209 Kap 9.

Ara wkoll Pulizija Spettur Bernard Spiteri vs Omissis A deciza 23 ta’ Lulju 2009 fejn l-iskop ta’ l-att lamentat kien cajta jew imhatra.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------